**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**(Spettur AnnaMarie Xuereb)**

**Vs**

**Emmanuele Spagnol**

Kump Nru: 1256/2009

Illum 14 ta' Frar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emmanuele Spagnol, ta' 55 sena, iben Michele u Catarina nee' Cutajar, imwieled Zejtun, fis-26 ta' April 1954 u residenti 26, Triq Dun Pawl Brenchel, Zejtun detentur ta' karta tal-identita' 353254 (M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Gunju 2009 jew fil-jiem ta' qabel jew ta' wara, bil-hsieb li jaghmel hsara lil Joseph Bonello, Ufficjal tal-Infurzar (Enforcement Officer) fi hdan l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), akkuza lil Joseph Bonello, quddiem awtorita' kompetenti b'reat u cioe' bi ksur doluz ta' dmirijiet ufficjali (Art 138, Kap 9), filwaqt li kien jaf li Bonello kien innocenti;

Kif ukoll talli b'hekk sar recediv a terminu tal-artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 7 ta' Jannar 2005.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat bir-reat ravvizat fl-artikolu 101(1)(b) tal-Kodici Kriminali ossija b'kalunja diretta jew verbali.

Minn dak li rrizulta mill-provi, dawn il-proceduri kellhom il-bidu taghhom meta dak iz-zmien l-Ispettur Angelo Gafa' li kien stazzjonat fit-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici kien ircieva rapport datat 27 ta' Lulju 2009 mill-Perit Alexander Borg fil-kapacita' tieghu ta' Enforcement Unit Manager tal-MEPA li kien irrefera allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li kienu saru fil-konfront ta' enforcement officer tal-MEPA, Joseph Bonello, minn certu Emmanuele Spagnol. L-**Ispettur**

**Gafa'** spjega[1] li kien gie stabilit li s-sur Spagnol kien baghat zewg ittri wahda datata 19 ta' Gunju 2009 u l-ohra 11 ta' Lulju 2009 fejn allega li Joseph Bonello kien b'mod abbuziv hareg compliance certificate ghad-dawl u ilma gewwa ghalqa fil-Handaq, limiti ta' Hal Qormi u dan billi f'din l-ghalqa ma kien hemm l-ebda kamra. Fil-fatt biex tinhareg compliance certificate irid ikun hemm kamra li tkun ta' qabel l-1967. Fit-tieni ittra tieghu s-sur Spagnol kien irrefera ghal xi kaz iehor li kien jikkoncerna ghalqa biswit ta' certu Anton Gauci fejn dan kien applika wkoll ghal compliance certificate izda l-applikazzjoni giet michuda u b'mod indirett allega li Joseph Bonello talab xi flus sabiex jibqa' johrog il-compliance certificate. L-Ispettur xehed li huwa gie infurmat li Joseph Bonello kien gie mitkellem mis-superjuri tieghu u kien hejja affidavit fis-16 ta' Lulju 2009 fejn fih huwa nnega kwalunkwe irregolarita' u ta ragunijiet ghalfejn kien hareg ic-certifikat lil Emanuel Muscat li huwa l-proprjetarju tal-ewwel ghalqa li Spagnol kien ghamel referenza ghaliha u cioe' l-ghalqa li qal li ma kienx fiha kamra. Inkwantu ghall-applikazzjoni ta' Anton Gauci, Joseph Bonello innega li talab xi flus u spjega li l-applikazzjoni ma kinitx giet milqugha billi meta ghamel spezzjoni fl-ghalqa flimkien mal-kollega tieghu Mark Cassar kien sab aktar minn kamra wahda fuq is-sit u dan ma kienx jaqbel mal-informazzjoni li kienet giet sottomessa mill-applikant.

Mark Cassar, ufficjal tal-MEPA, ghamel ukoll affidavit lis-superjuri tieghu fl-20 ta' Lulju 2009, fejn insista li qatt ma ra jew sema' xi forma ta' abbuz min-naha ta' Joseph Bonello.

B'hekk bdew l-investigazzjonijiet. L-Ispettur kellem lill-Perit Alexander Borg li spjegalu li l-Enemalta u l-Water Services Corporation qabel ma jigi nstallat id-dawl u l-ilma kienu jitolbu l-compliance certificate mahrug mill-MEPA. Ghal dak li ghandu x'jaqsam outside development zones bhal kaz odjern, il-Perit Borg spjega li tali certifikat johrog biss jew meta l-kostruzzjoni tkun koperta bil-permessi tal-MEPA jew meta l-kostruzzjoni tkun tidher fuq survey sheets ta' qabel in-1967. B'referenza ghaz-zewgt applikazzjonijiet li kien irrefera ghalihom l-imputat kien gie spjegat lilu li l-applikazzjonijiet ta' Muscat dik bin-numru CMP52805 kienet inizjalment riferuta lura lill-applikant ghar-raguni li l-kamra li Muscat

[1] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015

kien qiegħed isostni li kellu fuq il-post fl-għalqa tiegħu ma kienitx irrizultat fis-survey sheets ta' qabel in-1967. Sussegwentement saret dikjarazzjoni datata 17 ta' April 2009 mill-Perit Anthony Fenech Vella li l-kamra inkwistjoni kienet instabet fir-ritratti tan-1957 u b'hekk hareg il-compliance certificate fl-24 ta' April 2009. Ghar-rigward ta' Gauci li ma kienx hariglu l-compliance cetificate, il-Perit Borg spjega li l-applikant kien dahhal zewg talbiet dak bin-numru CMP 53404 tal-15 ta' Mejju 2009 u l-iehor CMP 54071 tat-12 ta' Gunju 2009. L-ewwel applikazzjoni kienet giet rifjutata mill-MEPA billi kien hemm enforcement notice 535/96 fuq l-istess sit; mentri t-tieni applikazzjoni li kienet dahlet mill-Perit Randolph Bartolo giet ritornata lura lill-applikant fejn intalab diversi dettalji fosthom proof of ownership, pre-1967 site plan u ritratt dettaljat li fiha juri l-kamra u l-ghalqa inkwistjoni. L-applikant minflok ma dahhal id-dokumenti rikjesti kien flimkien mal-permess ta' perit iehor Johann Farrugia informa lil MEPA li huwa kien ha jaghmel xi alterazzjonijiet u xi zieda mal-proprjeta' inkwistjoni u ghalhekk kien se jdahhal applikazzjoni ghal full development. Il-Perit Borg spjega li wara li ra dawn l-applikazzjonijiet u ohrajn li kienu ipprocessati minn Bonello ma sab ebda irregolarita' fihom.

Sussegwentement kien kellem lill-applikant Anton Gauci li dak iz-zmien kien pulizija. Huwa kien ikkonfermalu li kien dahhal applikazzjoni mal-MEPA ghal compliance certificate biex jinstalla dawl fl-ghalqa f'Hal Qormi u li dan ghamlu permezz ta' Emmanuele Spagnol li ha hsieb kollox huwa u kien hallsu €500 ghal tali xoghol. Xi zmien wara s-sur Spagnol infurmah li l-MEPA kienet irrifjutat li tohrog ic-certifikat billi kien diga' hareg certifikat fuq l-istess kamra liema applikazzjoni kienet saret minn haddiehor. Sussegwentement is-sur Gauci rcieva ittra mill-MEPA li kienet tindika li l-applikazzjoni tieghu kienet giet processata minn Joseph Bonello. Kien ikkuntattjah u ltaqghu fejn is-showroom tal-Kia f'Hal Qormi. Skont Gauci, Bonello kien qallu li l-applikazzjonijiet kollha li kien qieghed idahhal fil-MEPA kienu kollha ta' xejn peress li kien qabbad lil Leli biex jipprocessahom f'ismu. Gauci kompla li Bonello kien qallu li kien jaf li qed ihallas lil Leli elfejn lira Mlatin meta dan Gauci assigurah li Leli kien talbu biss hames mitt euro. Gauci wiegeb li Bonello qatt ma talbu flus biex jipprocessalu favurih l-applikazzjoni tieghu u lanqas li Leli

talbu xi flus biex ixahham lil Bonello. Fl-istess waqt Gauci kien qal li Leli kien qallu li l-gar tal-ghalqa ta' hdejh Emanuel Muscat kien applika mal-MEPA u fl-applikazzjoni tieghu kien indika l-kamra ta' Gauci izda meta fl-ufficcju wrieh ir-ritratt tal-kamra li Muscat kien dahhal fl-applikazzjoni tieghu Gauci kien stabilixxa li l-kamra fil-fatt kienet fl-ghalqa ta' Muscat u mhux fl-ghalqa tieghu.

Sussegwentement l-Ispettur interroga lill-imputat li rrilaxxja l-istqarrija li hija ezebita in atti. In vista tal-istqarrija tal-imputat u dak li tenna Anton Gauci, l-ispettur Gafa' interroga lil Joseph Bonello fil-21 ta' Awwissu 2009 li cahad l-allegazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kemm minn Spagnol kif ukoll minn Gauci. Kien kellem anki lil Mark Cassar. Rega' interroga lil Emannuele Spagnol u lil Gauci li kkonfermaw il-versjoni diga' moghtija. Huwa kompla li waqt l-investigazzjoni dar compliance certificates ohra mahruga minn Joseph Bonello u kien kellem lil dawn l-applikanti kollha kif ukoll kellem lill-applikanti li ma kienx inharhilghom compliance certificate u dawn kollha stqarrew li fl-ebda stadju ma ntalbu jew hallsu xi flus lill-ufficjal tal-MEPA inkwistjoni.

B'dawn il-fatti f'idejhom gie deciz li l-versjoni moghtija minn Joseph Bonello kienet dik aktar veritiera u pprocedew kontra l-imputat. Huwa spjega li meta gew ghall-akkuzi kienu stabilew li l-ittra tad-19 ta' Gunju 2009 li l-imputat indika li kkopja lill-Prim Ministru, mentri tal-11 ta' Lulju 2009 Joseph Bonello ma riedx ifornihom bi kwerela. Ghalhekk ipprocedew fuq ittra wahda biss dik tad-19 ta' Gunju 2009.

**PS 474 Norbert Said** u **ex-Pc 569 Anthony Cassar**[2] ikkonfermaw li fis-26 ta' Awwissu 2009 huma marru f'ghalqa gewwa l-Handaq flimkien mas-sid tal-ghalqa Emanuel Muscat biex jivverifikaw jekk tezistix kamra. F'idejhom kellhom ritratt ta' kamra li kien mehmuz ma' applikazzjoni li saret mal-MEPA mill-istess Muscat biex jinhareg il-compliance certificate. Dan ir-ritratt kien jaqbel ezatt mal-kamra li sabu fl-ghalqa.

**Miriam Debono** ikkonfermat[3] li meta hija kienet tahdem l-OPM kienet baghtet il-korrispondenza li giet immarkata bhala Dok AG1[4]. Permezz ta' din il-korrispondenza hija kienet baghtet lill-Ispettur

[2] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015
[3] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015
[4] A fol 23 tal-process

Gafa', fuq talba tieghu stess, kopji tal-ittri li s-sur Spagnol kien baghat lill-Prim Ministru, u ohrajn li kien baghat lic-Chairman tal-MEPA li kienu kkupjati lill-istess Prim Ministru ta' dak iz-zmien inkluz dik tad-19 ta' Gunju 2009.

Il-**Perit Alexander Borg**, li f'xi zmien kien Enforcement Unit Manager mal-MEPA, ikkonferma[5] li huwa kien ghamel rapport lill-pulizija datat 27 ta' Lulju 2009 li kien relatat ma' zewg applikazzjonijiet CMP54071 u CMP 53404 billi kien hemm allegazzjoni fil-konfront ta' enforcement officer Joseph Bonello. Is-sur Spagnol irrefera ghal zewg compliance certificates li huma fuq artijiet hdejn xulxin. L-applikant ghal dawn iz-zewg applikazzjonijiet kien Anton Gauci. Applikazzjoni minnhom ma kinitx giet rifjutata izda ritornata billi kienet tidher kamra wahda mentri kien hemm aktar kmamar u ntalbu aktar kjarifici. Inkwantu imbaghad ghal Dok AG5, l-applikazzjoni CMP 52805 li tigi l-art biswit l-applikazzjoni l-ohra giet ritornata xi darbtejn ghal kjarifici pero' eventwalment inhareg ic-certifikat. L-enforcement officers li marru fuq il-post, Joseph Bonello u Mark Cassar infurmawh li meta marru on site sabu kamra li l-bini taghha huwa antik u fuq korrispondenza tal-Perit Fenech Vella li kien il-Perit tas-sur Muscat, irreferihom ghal aereal photos tan-1957 li minnhom jirrizulta li probabbli kien hemm xi haga. Il-Perit Borg ighid li huwa strah fuq dak li qalulu l-enforcement officers u s-senior tieghu Joe Zammit. Kemm is-sur Bonello kif ukoll Mark Cassar raw il-kamra fl-ghalqa. Il-Perit tenna li mill-informazzjoni li nghata ma rrizultalux li saru xi irregolaritajiet. Lanqas mhu minnu li fl-applikazzjoni tas-sur Muscat intuzat kamra li fil-fatt ma tezistix.

In kontro-ezami qal li huwa qatt ma ra l-kamra biss pero' wrewh ir-ritratti li minnhom seta' jistabilixxi li kien hemm struttura. F'dawn ir-ritratti li wrewh, l-istruttura kienet tas-sejjiegh. Meta intwera r-ritratti minn fol. 57 tal-process, il-Perit wiegeb li dik hija tip ta' girna. Qal li ghalihom la hija msaqqfa kien hemm lok li forsi jista' johrog il-meter.

**Joseph Bonello** xehed[6] li huwa jahdem il-MEPA. Fiz-zmien tal-kaz inkwistjoni huwa kien *enforcement officer.* Bhala parti mid-dmirijiet tieghu kienu li jaraw ir-rapporti, ikollhom l-inspections ghal compliance certificates u barra minn hekk il-monitoring tal-bini li jkun

[5] Seduti tal-15 ta' Marzu 2010 u tat-12 ta' Jannar 2015
[6] Seduti tat-13 ta' Settembru 2010 u t-23 ta' Marzu 2015

tiela'. Spjega li l-compliance certificate huwa talba mill-individwu permezz ta' applikazzjoni ta' Perit fejn dan jitlob biex imorru fuq il-post biex ikunu jistghu jikkonfermaw dak li jkun inghad mill-Perit fl-applikazzjoni tieghu. Tali compliance certificate jintuza' ghal hafna affarijiet fosthom ghal-kuntratti u biex jingieb is-servizz tad-dawl u ilma. Inkwantu ghall-applikazzjoni CMP52805 huwa xehed li saru zewg spezzjonijiet minnu flimkien ma' enforcement officer iehor Mark Cassar. L-ghalqa kienet vojta u kien hemm kamra zghira go hajt, irrapporta lil ta' fuqu u insegwitu ghalhekk kiteb lill-Perit biex jiccertifikalu li tali kamra kienet pre-1967. Waqt l-ispezzjoni s-sid tal-ghalqa ma kienx prezenti u marru ghall-gharrieda. L-ghalqa kienet ODZ u kienet miftuha. Imbaghad marru t-tieni darba biex jikkonfermaw billi kien dahal *aerial photo* u l-Perit tal-applikant kien ghamel dikjarazzjoni huwa stess kif jixhdu d-dokumenti in atti a fol 47. Huwa qal li lill-imputat jafu biss meta kellimhom l-Ispettur id-Depot. In kontro-ezami ikkonferma li l-compliance certificate hareg fuq il-kamra li tidher fir-ritratt a fol 57 tal-process. Huma ma hadu l-ebda qisien taghha ghaliex joqghodu fuq id-dikjarazzjoni u l-qisien tal-Perit. Mistoqsi jekk biex jinhareg compliance mill-MEPA hemm xi kobor minimum jew xi ghamla li jrid ikollha biex kamra tinghata d-dawl, is-sur Bonello wiegeb li f'applikazzjoni ghal compliance certificate il-Perit tal-applikant jaghmel drawings, huma jivverifikaw id-drawings u li huma kompatibbli mal-applikazzjoni u dak huwa bizzejjed biex jinhareg il-compliance certificate.

Inkwantu ghall-applikazzjoni 528/05 din kienet applikazzjoni li saret minn Anton Gauci. Il-compliance certificate ma harigx. Kienet saret spezzjoni fuq il-post u rrizulta li kien hemm strutturi ohra apparti dawk indikati fl-applikazzjoni u riedu aktar verifikazzjonijiet fuqhom

In ri-ezami ikkonferma li l-Ispettur Angelo Gafa' kien baghat ghalih billi l-imputat kien baghat ittra fil-konfront tax-xhud. F'tali ittra kien hemm informazzjoni personali fuqu fosthom li kien ex-pulizija, li kien espert fil-ballistika u splussivi u li l-imputat kien sostna li ma kienx jaf ghalfejn mhux qeghdin jinhargu l-compliances tieghu u li kien qieghed jippretendi xi flus biex jinhargulu l-compliances. Kienu baghtu ghalih anki s-superjuri tieghu, il-Perit Alexander Borg u ghamillu wkoll dikjarazzjoni. Is-sur Bonello kien imbaghad mar

ghand l-avukat tieghu u baghat ittra lill-imputat[7]. Sabu li kien hemm enforcement notice antik li kien in vigore. Qatt ma seta' jinhareg compliance certificate jekk l-enforcement notice ma jitnehhix.

**Emanuel Muscat** xehed[8] li fl-ghalqa tal-Handaq fiha struttura ghaliex fiha kamra. Bejn wiehed u iehor din il-kamra fiha xi 4 piedi b'4 piedi jew ftit izghar. Huwa kien applika ghal compliance certificate u applika ghad-dawl li eventwalment gie installat. Huwa talab lill-Perit tieghu biex jipprezenta l-applikazzjoni. Huwa sar jaf lill-imputat biss permezz tal-kawza odjerna.

In kontro-ezami qal li huwa qatt ma kellem lill-ufficjal li hariglu l-permess. L-ghalqa tieghu ghandha xatba li kienet tinfetah. L-applikazzjoni tieghu ma ntlaqghetx mill-ewwel.

**Mark Cassar** xehed[9] li huwa jahdem mal-MEPA u fis-sena 2009 kien enforcement officer. Inkwantu ghall-applikazzjoni 52805 huwa kien assista lill-ufficjal Joseph Bonello li kien inkarigat jiehu hsieb Hal Qormi. Kienu marru darba jew darbtejn fuq is-sit biex jivverifikaw minhabba l-applikazzjoni ghal compliance certificate. Mistoqsi x'tip ta' kamra kienet, ix-xhud wiegeb li *il-kamra qiesha girna kienet...il-kamra go hajt tas-sejjiegh kienet qiesha girna* u kienet bhal dik li tidher fir-ritratt a fol 57 tal-process. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li gieli kellmu fuq xi compliance certificates il-MEPA.

In kontro-ezami xehed li huwa ma kellux x'jaqsam mad-dawl u ilma. Meta kien jinhareg compliance certificate kienu joqoghdu fuq dikjarazzjoni tal-Perit li kien jindikalhom is-sit u xi kultant kien jinhtieg aerial photo. Kienu jikkonfermaw id-dikjarazzjoni tal-Perit li l-kamra hija qadima imbaghad sussegwentement kien jinhareg il-compliance certificate. Huwa cert li saru zewg spezzjonijiet, gew verifikati l-aerial photos u kien hemm ukoll ittra tal-Perit li kienet tikkonferma li l-kamra kienet ilha mibnija ghal izjed minn tletin sena. Jiftakar li Joseph Bonello kien tkellem mas-superjur tieghu biex jikkonsulta mieghu.

---

[7] Dok JB a fol 360 tal-process

[8] Seduti tat-23 ta' Marzu 2015

[9] Seduta tat-23 ta' Marzu 2015

**Sandra Portelli** xehdet[10] li minn ricerka li ghamlet is-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali fuq l-istrutturi rurali jista' jinghad li l-maggiorparti tal-giren jinsabu n-naha ta' fuq ta' Malta. Mdankollu l-karatteristici ewlenin ta' girna jsegwu l-istess bazi ta' struttura ghalkemm issib dawk differenti imma hafna drabi huma l-istess bhala bazi. Il-karatteristici ewlenin li jiddistingwu girna minn kamra f'ghalqa huma li l-girna hija maghmula minn gebel ta' qisien differenti imqeghda fuq xulxin, jittella hajt dobblu li jkun mimli b'gebel zghir u zrar. Il-gebel ma jkunx mizbugh u ma jkunx hemm kisi b'siment, il-hitan ta' barra generalment ikunu gejjin ghat-tond ghalkemm issib ukoll bazi rektangolari, kwadra u rarament ovali. Is-saqaf ikun gej b'forma ta' koppla u karatteristika importanti fil-girna hja li ma jkunx hemm travi biex issostni s-saqaf b'hila mill-bennej il-binja jaghmilha tispicca ghalxejn u s-saqaf jaghlqu b'cangaturi jew inkella b'gebel imkisser, ramel u xi kultant gir u defful. Kompliet tispjega li hemm diversi tipi ta' giren inkluz giren qieshom nicec fil-hitan tas-sejjiegh. Il-girna taqa' taht kamra b'differenza li mhiex kamra abitabbli u differenti strutturalment minn kamra f'ghalqa bhala farmhouse. Hija pprezentat Dok SP.

**Paul Camilleri,** enforcement officer fil-MEPA, filwaqt li kkonferma d-dokumenti ezebiti in atti, xehed[11]li huwa ma jkunx mar fuq is-sit billi huwa kien jaghmel ix-xoghol amministrattiv.

**Perit Anthony Fenech Vella,** ikkonferma[12] c-certifikat rilaxxat minnu ai fini ta' compliance certificate. Huwa spjega li vverifika mas-survey sheets l-antiki, marru fuq il-post, hadu r-ritratti u gew prezentati mal-applikazzjoni flimkien ma' pjanta ta' din l-istruttura. In kontro-ezami spjega li fil-kamra l-hitan ma kienux bil-concrete izda probabilment saret mill-iskart li kien ikun hemm. Safejn jaf huwa hemm ix-xorok. Mistoqsi jekk kif inhi l-istruttura layperson jistax jitfixkilha ma' girna, il-Perit wiegeb fin-negattiv u dan billi girna hija *stand alone* normalment mentri din l-istruttura hija bhala estensjoni minn hajt u hija inkorporata fih. Fis-survey sheet tas-sena 1967 l-istruttura tidher bhala parti minn hajt usa. F'dan il-kaz ic-certifikat inhareg bhala pump room u kwindi m'hemmx il-htiega ta' bieb. Mistoqsi jekk hux

---

[10] Seduta tas-26 ta' Ottubru 2015
[11] Seduta tas-26 ta' Ottubru 2015
[12] Seduta tas-26 ta' Ottubru 2015, Dok a fol 49 tal-process

minnu li girna ma jistax jinhargilha certifikat biex tinghata d-dawl u ilma huwa wiegeb li m'hemm xejn fil-ligi li jinghad hekk ghalkemm il-MEPA ghandha l-fakulta' li tirrifjuta.

**L-imputat** jixhed li bhala xoghol kienu jcemplulu n-nies li kienu jehtiegu l-compliance certificate jew xi estensjoni fil-bini, huwa kien jaghti d-dettalji tal-applikant lill-Perit u imbaghad kien japplika l-Perit mal-MEPA u wara li jinhareg il-compliance jew permess huwa kien ighin lill-persuna biex jitkompla l-process kollu. Naturalment huwa kien jithallas tas-servizzi tieghu. Saritlu referenza ghall-istqarrijiet rilaxxjati minnu. L-imputat qal li huwa ma kellu l-intenzjoni li jwegga' lil hadd izda talab biss biex issir investigazzjoni u kien ghalhekk li kiteb lill-MEPA ghaliex ma kienx qieghed jigi moqdi bhala klijent. Qal li ghall-habta tal-ewwel gimgha ta' Gunju kien hiereg mill-MEPA u kien waqqfu Joe Bonello u qallu li lilu ma kienx se johroglu compliance certificates ghaliex kien jiekol wahdu. Qallu li kien jaf kemm kien qed johdilhom lin-nies u l-imputat hareg 'il barra. Pero' dakinhar kellu appuntament ma' anton gauci li huwa sid tal-ghalqa li ghandu l-kamra fejn saret l-applikazzjoni u tali applikazzjoni ma ntlaqghatx. Huwa spjega li fl-ittra kien qal li l-compliance ta' Manwel Muscat kienet harget b'abbuz ghaliex f'dik l-ghalqa ma' hemm ebda kamra. Barra minn hekk f'din l-ghalqa hemm ukoll batterija taht l-art pero' tal-MEPA ma ndunax. Skontu tal-enforcement ghalqu ghajnejhom ghaliex lanqas gate ma kien hemm. Ghalhekk il-compliance ma kellhiex tohrog. Huwa qal li kien anki gibed l-attenzjoni li aktar 'il gewwa mill-ghalqa li fuqha inhareg compliance certificate hemm girna forma ta' rokna. Skont il-ligi mhux suppost li tkun mittiefsa imma din fiha bieb tal-aluminium u barra minnhekk kien hemm ohrajn li kienu ghamlu xi applikazzjoni anke shelters gol-blat u l-applikazzjoni taghhom ma ntlaqghatx. Xehed ukoll li Manwel Pace li wkoll kellu applikazzjoni fuq Hal Qormi kien qal lill-imputat li kien mar tal-MEPA fuqu u qallu li ma kien se johroglu l-compliance certificate u li jekk kien tah xi flus ma kienx se jtihomlu. Huwa tenna li kiteb l-ittri biex issir investigazzjoni.

In kontro-ezami kkonferma li l-ittri fil-process huwa baghthom. L-applikazzjoni biex jinhareg il-compliance certificate tkun fuq isem l-applikant. Huwa qal li qatt ma dahal fl-ghalqa tas-sur Muscat imma l-

inhawi jafhom sew. Il-kamra li tidher fir-ritratti ezebiti hija tlett ihbula 'l boghod.

**Emanuel Pace**[13] xehed li huwa kien applika mal-MEPA sabiex eventwalment ikollu d-dawl f'kamra tal-Handaq. Kien mar wiehed tal-MEPA u kien sejjer wiehed jismu Leli u kif ra lil Leli, tal-MEPA qallu oqghod attent ghax narrestawk u sitt xhur habs ghandek. Il-compliance certificate ma hariglux u huwa ma jafx ghalfejn ma harigx. Huwa kien qabbad lill-imputat biex jithabatlu huwa.

**Antoine Gauci**[14] ikkonferma li huwa ghandu kamra antika f'Hal Qormi. Biex jidhol ghaliha ghandu gate zghira imma id-dahar taghha qieghed f'ghalqa ta' haddiehor. Il-compliance certificate ma hariglux. Huwa xehed li kien kellmu Joe Bonello mill-MEPA u qallu li l-applikazzjoni tieghu ma kienitx se tohrog minhabba li kienu diga' applikaw fuqha l-kamra darb'ohra. Kien qallu li l-imputat imdahhal fiha u tah parir biex iwaqqa' l-applikazzjoni. Qallu li l-permess ma kienx se johrog minhabba li kienu qed jaghtu xi flus lill-imputat.Lill-imputat kien hallsu biex applikalu. In kontro-ezami qal li huwa pulizija. Qal li l-enforcement notice fuq il-kamra sar wara l-applikazzjoni.

Inkwantu ghar-reat li bih huwa addebitat l-imputat se ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Demanuele**[15] fejn il-Qorti ghamlet studju approfondit tal-elementi ta' dan ir-reat:

*Illi minn qari tad-dispozizzjoni relevanti huwa car li biex jissussisti r-reat ta' kalunja diretta iridu jigu pruvati tlett elementi:*

- *il-ħsieb li ssir ħsara lil xi persuna,*
- *akkuża quddiem awtorità kompetenti b'reat,*
- *ix-xjenza li dik il-persuna hija innoċenti.*

*Fil-fatt Il-Professur Sir Anthony Mamo jelenka s-segwenti tlett elementi bhala dawk kostitutivi tar-reat in ezami:*

[13] Seduta tas-27 ta' Frar 2012
[14] Seduta tas-27 ta' Frar 2012
[15] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-10 ta' Awwissu 2017

*1. an accusation of an offence made to a competent authority;*
*2. intent to harm the person accused;*
*3. knowledge on the part of the accuser of the innocence of the person accused*[16]

*Illi dwar l-ewwel element l-istess awtur ikompli billi jghid li:*

*.... .... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*[17]

*Illi l-istess awtur ikompli billi jghid li r-rapport lill-awtoritajiet kompetenti jista' jsir b'kwalunkwe wiehed mill-forom specifikati fil-Ligi pero jzied li biex jigi sodisfatt dan l-ewwel element tar-reat in ezami mhux necessarju li r-rapport ikun sar skont il-formalitajiet preskritti fil-Ligi.*

*Nor indeed is it limited to those formal ways contemplated in the laws of procedure. According to the authorities .... it is not essential that the information or complaint or report or other notice given of the offence should sayisfy all the requirements of form which the law prescribes (cf Criminal Appeal Police vs Carmelo Mifsud 27.03.1925). Any act which which is calculated to give rise to criminal proceedings against an innocent person is sufficient*[18]*.*

*Illi dan l-istess principju gie riafermat mill-Qrati taghna. Fis-sentenza moghtija fil-kawza* ***Il-Pulizija vs Joseph Seychell***[19] *il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-kalunja kif kontemplata fl-artikolu 101:*

*L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti, jew tghaddi l-kaz*

[16] Ref Notes on Criminal Law Revised Edition 1954-1955 pagna 52
[17] Op cit pagna 58
[18] Op cit pagna 53
[19] Deciza fis-17.10.1997

*lill-haddiehor biex dan eventwalment jressaq il-Qorti, lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.*

*U fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Doreen Zammit***[20] *l-istess Qorti qalet hekk:*

*Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti.*

*Omissis*

*Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Horace Desira*** *(deciza 08.03.2005) il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, anke b'referenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo qalet li d-denunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja.*

*Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li jissussisti l-ewwel element essenzjali ghar-reat in ezami.*

*Illi pero' dan l-element wahdu mhux sufficjenti; jridu jigu pruvati z-zewg elementi l-ohra u cioe l-hsieb li jaghmel hsara lil dawk il-persuni u x-xjenza li l-persuni fil-konfront ta' min inghatat l-informazzjoni huma innocenti.*

*Illi fis-sentenza fuq kwotata (Il-Pulizija vs Doreen Zammit) il-Qorti iddeskriviet l-element formali rikjest f'dan ir-reat fis-sens:*

*li, min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzatha b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.*

*Illi dwar dawn l-elementi il-Professur Mamo jghallem hekk:*

*The accuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Nothwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused the law could not reasonably punish the accuser who would have merely used and not abused a right which is competent to*

[20] Deciza fil-15.06.2001

*him. ...... ......* ***Indeed such punishment could not even be applied in the case in which the accuser acted rashly or with patent imprudence without pondering on the consequences of the accusation he was making***[21]*. In our law, which requires the intent to cause harm, the same principles apply. The harm to which reference is here made must consist merely in exposing the victim to the possibility or criminal proceedings being taken and punishment awarded*[22] *..... .....*

*Always in connection with this element of the intent to harm the question is also discussed whether a caliminuous accusation for the purpose of saving himself from a charge or .... per retorsionem or per exceptionem is liable to punishment. ........... The best solution, however, according to Maino is that given by Mortara, that il-diritto di difesa non si puo' spingere fino al punto di legittimare una lesione cosi grave delle personalita' altrui and that therefore the purpose of defending oneself does not exclude the crime of calumny*[23]*.*

*Illi dwar l-element tax-xjenza (li l-persuna kontra minn sar ir-rapport jew inghatat l-informazzjoni hija innocenti) l-istess awtur kompla hekk:*

*His knowledge consitutes the specific formal element of the crime and outs in bold relief the design to injure the victim. .... The knowledge on the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be* ***certain***[24]*, so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation. The mere falsity of the imputation without such knowledge is not sufficient because as we have already said such falsity may be involuntary and therefore not malicious as in the case of an informer who imputes an offence to a person he, in truth, believes to be guilty. La calunnia criminalmente perseguibile, says Carrara, .... .... "e' oggi soltanto la manifestissima. Bisogna cioe che non solo l'accusato abbia chiarato l'innocenza propia, ma di piu che sia dimostrata nell'offeso che lo denunzio come autore del delitto con la cognizione di tale innocenza. Qualunque causa di giusta credulita sara bastevole ad esonerare dal rimprovero di calunnia un offeso che erroneamente sebbene con troppa precipitazione si persuase che l'autore del delitto da lui patito fosse chi realmente non lo era". Any information report or complaint not in accordance with the true facts but which may have been laid or made*

[21] Sottolinear tal-Qorti
[22] Op cit pagna 54
[23] Op cit pagna 55
[24] Sottolinear tal-awtur

*not in bad faith, may only give rise to responsibility for damages for the unjust accusation in so far as the agent may be guilty of negligence for civil purposes*[25]

*Illi l-kuncetti tal-calunia manifestissima min-naha u giusta credulita min-naha l-ohra*[26] *gew addottati mill-Qrati taghna ukoll. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Violet Smith*[27] *il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet li l-fatti f'dak il-kaz kienu jinkwadraw ruhhom f" "dak li fid-dottrina jissejjah calunnia manifestissima, ghax bil-fors li l-imputata kienet taf li ma kienx veru" il-fatt li dwaru ghamlet ir-rapport. Pero' dik il-Qorti qalet ukoll li fil-konkors tac-cirkostanzi mehtiega dik li tissejjah giusta credulita tista' tezonera mill-addebietu tal-kalunnja.*

*Illi dwar l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat in ezami l'Antolisei jghid hekk:*

*Il dolo si concreta nella volonta' di realizzare il fatto di calunnia diretta o indiretta con la consapevolezza che l'incolpato e' innocente. La prova di quest'ultima presenta spesso difficolta non lieve. Il convincimento che il denunciato sia, in effetti, colpevole, esclude per errore di fatto il dolo. Se pero il denunciante e' in dubbio, la sua responsabilita sussiste, a meno che egli non abbia esposto in modo chiaro e sicuro i motivi della sua perlessita'.*

*Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat biex l-imputat ikun jista' jinstab hati ta' l-imputazzjoni in ezami huwa li meta huwa baghat l-ittra lill-President ta' Malta ghamel asserzjonijiet li kien jaf li mhumiex veritjeri; fit-termini ta' dak li jghallem il-Professur Mamo (fuq kwotat) dan irid jigi pruvat b'certezza. Jekk tirrizulta din ic-certezza l-Qorti mbaghad trid tghaddi biex tara jekk dak li ghamel l-imputat ghamlu biex jaghmel hsara lill-persuni koncernati."*

Tenut kont tal-insenjamenti appena riportati, meta jigu applikati ghall-provi prodotti din il-Qorti tqis is-segwenti: Il-Qorti tinnota li ghalkemm gew ezebiti diversi ittri miktuba mill-imputat, dan il-kaz, kif mistqarr mill-Ispettur Gafa', qieghed ibbazat fuq l-ittra tad-19 ta'

[25] Op cit pagna 55 u 56
[26] Kuncetti msemmija mill-Carrara u li ghamel referenza ghalihom il-Professur Mamo fil-bran fuq kwotat
[27] Deciza 07.06.195

Gunju 2009. L-element materjali tar-reat li bih jinsab addebitat bih l-imputat jinsab sodisfatt u dan billi huwa stess jammetti li baghat l-ittra tad-19 ta' Gunju 2009 lic-Chairman tal-MEPA kif ukoll giet ikkupjata lill-Prim Ministru. Bla ebdu dubju b'tali azzjoni iz-zewg persuni ndikati kellhom is-setgha li *jghaddu l-kaz lill-haddiehor biex dan eventwalment jressaq il-Qorti, lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.*

Illi minn qari tal-ittri mibghuta mill-imputat ma jhalli ebda dubju li dak li huwa allega fil-konfront ta' Joseph Bonello jammonta ghal reat gravi. Infatti l-imputat f'din l-ittra allega li s-sur Bonello hareg compliance certificate ghad-dawl u ilma minghajr ma kien hemm ebda kamra fl-istess ghalqa. Ghalhekk isostni li l-compliance certificate hareg b'abbuz tal-poter. Din il-compliance harget fuq girna jew toqba fil-hajt mentri li hija ovvja li m'hemm l-ebda toqba jew girna fil-hajt. Qal ukoll li meta huwa rrimarka dan lill-persuna koncernata li kien se jghid lill-Prim Ministru huwa lissen diskors li lill-imputat m'ghogbu xejn. Allega wkoll li s-sur Bonello juza' certu prepotenza mac-cittadini u huwa sostna li kien lest li jipproduci xhieda dwar l-abbuzi serji.

Illi lanqas m'ghandu jkun hemm l-icken dubbju li d-denunzja da parti tal-imputat kienet mhux biss volontarja imma anke spontanja fis-sens li, kif jiddikjara l-istess imputat, l-ittra kitibha hu minn jeddu u baghatha hu minn jeddu lill-Prim Ministru u lic-Chairman tal-MEPA.

Illi pero', kif diga' inghad, l-element materjali wahdu mhux sufficjenti; jridu jigu pruvati z-zewg elementi l-ohra u cioe' l-hsieb li jaghmel hsara lil dawk il-persuni u x-xjenza li l-persuni fil-konfront ta' min inghatat l-informazzjoni huma innocenti.

Illi minn dak li rrizulta mill-provi processwali din il-Qorti jidhrilha li ma rrizultax li s-sur Bonello b'xi mod wettaq xi irregolaritajiet fuq xogholu. Gie spjegat minn diversi xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni x'kienet ir-raguni ghalfejn certu applikazzjonijiet intlaqghu mentri ohrajn le. Mhux hekk biss, talli rrizulta li s-sur Bonello kien anki jikkonsulta mas-superjuri tieghu dwar certu decizjonijiet li kellhom jittiehdu. Partikolarment inkwantu ghall-applikazzjonijiet li fuqhom ilmenta l-imputat irrizulta li f'wahda minnhom l-applikant intalab jaghti aktar informazzjoni u din baqghet ma nghatatx u kif ukoll instab li kellu enforcement notice. L-imputat baqa' jsostni anki waqt

dawn il-proceduri li inhareg compliance certificate fuq struttura li hija girna mentri dan solitament ma johrogx. In verita' mill-provi prodotti jirrizulta li hemm diversi tipi ta' giren u li m'hemm xejn x'iwaqqaf li l-MEPA tohrog compliance certificate biex eventwalment jghaddi d-dawl. L-imputat ghalkemm huwa midhla tal-MEPA mhux persuna li huwa professjonist u baqa' ta' dik il-fehma. Inkwantu ghall-istruttura li hemm fl-ghalqa s-sitwazzjoni mhiex daqstant cara anki *ictu oculi*. Ix-xhieda anki dik prodotta mill-prosekuzzjoni ma taqbilx ezatt tant li whud minnhom, fosthom Mark Cassar, qalu li mir-ritratt tidher li hija tip ta' girna w allura l-imputat anki jekk huwa zbaljat fil-fehma tieghu ma jistax jinghad li xjentement kien jaf li s-sur Bonello kien innocenti anzi huwa jemmen proprju l-kuntrarju. Oltre' dan anki mix-xhieda tal-Perit Fenech Vella jixhed li *din l-istruttura hija bhala estensjoni minn hajt u hija inkorporata fih. Fis-survey sheet tas-sena 1967 l-istruttura tidher bhala parti minn hajt usa*. Isegwi li l-posizzjoni ma kinitx tant cara tant li s-sur Bonello innifsu tkellem mas-superjur tieghu l-Perit Alexander Borg u gie deciz li l-Perit tal-applikant jaghmel dikjarazzjoni dwar din l-istruttura u wara li l-Perit Fenech Vella ghamel tali dikjarazzjoni l-compliance certificate fil-fatt hareg. Infatti huwa ddikjara s-segwenti: *"Please note that since the room, as very well documnted in my drawings and as explained further in my certificate dated 24th March 2009 and as can be verified from the photos attached with the compliance certificate, is built into the rubble wall and, as a result, this effectively means that, it can never be identified as a room from the air"*. Huwa kompla *"However, closer examination of the 1957 photos on whixh the 1967 Survey Sheets were drawn up from, shows the mound which still exists to day and it takes only a quick site inspection to verify that the room within it has been there since ages ago"*.

Kien ikun ahjar li kieku l-imputat ghamel il-verifiki tieghu sew qabel ma kiteb l-ittri izda min-naha l-ohra din il-Qorti hija konvinta li l-ittri ma ntbaghtux ghaliex l-imputat ried jaghmel il-hsara lis-sur Bonello u lanqas ma gie ppruvat li huwa kellu x-xjenza li s-sur Bonello kien innocenti. L-imputat kien konvint li kien hemm abbuz tal-poter u baghat l-ittra biex issir investigazzjoni dwar dak li huwa kien jemmen li qieghed jigri. Dan ghaliex zewg applikazzjonijiet li pprezenta huwa ghal zewg individwi ma kienux gew accettati izda l-Qorti mill-atti hija sodisfatta li kien hemm spjegazzjoni ghalfejn ma inghatawx hekk kif irrizulta mix-xhieda fuq riprodotta. Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tirrilevax li filwaqt li kull cittadin ghandu dritt li jippretendi li l-awtoritajiet jimxi skont il-ligi u li ghandu dritt jistaqsi, min-naha l-

ohra kull cittadin irid jaccetta l-fatt li jekk xi haga li applika ghaliha ma tkunx giet accettata ma jfissirx awtomatikament li kien twettaq xi abbuz jew sehhet xi irregolarita'. Jehtieg li meta jkun hemm allegazzjoni ta' dan it-tip ikun hemm bazi ghaliha ghaliex altrimenti issir il-hsara lil persuna anki jekk forsi ma tkunx l-intenzjoni li ssir.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Billi l-addebitu tar-recediva huwa konsegwenzjali ghal sejbien ta' htija u l-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, lanqas ma jista' jinstab hati tal-addebitu tar-recediva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**